VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 72 tal-2014

ATT DWAR IS-SAĦĦA
(KAP. 528)

Regolamenti tal-2014 dwar il-Bord tas-Servizzi Ġenerali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 31 tal-Att dwar is-Saħħa, il-Ministru għas-Saħħa għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2014 dwar il-Bord tas-Servizzi Ġenerali. Titolu.

2. Għandu jkun hemm Bord tas-Servizzi Ġenerali li l-funzjonijiet tiegħu jkunu: Il-Bord tas-Servizzi Ġenerali.

(a) biex iservi bħala Bord tal-Appell minn deċiżjonijiet, li jirrigwardaw materji u kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, meħudin minn spetturi sanitarji jew minn uffiċjali sanitarji tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar; Kap. 10.

(b) biex jaqdi dawk il-funzjonijiet li kienu, jew setgħu kienu, mogħtija lilu mill-Ordinanza dwar l-Organizzazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa qabel ġiet imħassra, u mill-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, u bir-regolamenti magħmulin taħt xi waħda minn dawn l-Ordinanzi; Kap. 94. Kap. 31.

(ċ) biex jaqdi dawk il-funzjonijiet li huma, jew jistgħu ikunu, mogħtija lilu b'xi liġi oħra fis-seħħ f'Malta.

3. (1) Il-Bord tas-Servizzi Ġenerali għandu jkun kompost kif ġej: Kompożizzjoni tal-Bord.

(a) is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika bħala *Chairperson*;

(b) id-Direttur Ġenerali (Dipartiment tax-Xogħlijiet u Servizzi) jew rappreżentant tiegħu;

(ċ) żewġ konsulenti fis-Saħħa Pubblika maħtura mill-Ministru;

(d) Uffiċjal Mediku Anzjan maħtur mill-Ministru;

(e) id-Direttur tas-Saħħa Ambjentali jew rappreżentant

VERŻJONI ELETTRONIKA

tiegħu;

(f) rappreżentant tal-Kamra tal-Arkitetti u Inġiniera Ċivili;

(g) Perit maħtur mill-Ministru;

(h) persuna li mhix fis-servizz tal-Gvern, maħtura mill-President ta' Malta.

(2) Għandu jkun hemm Segretarju għall-Bord tas-Servizzi Ġenerali li jkun maħtur mill-President ta' Malta.

Membri *co-opted* fil-Bord.

4. Meta f'xi okkażjoni, il-Bord tas-Servizzi Ġenerali jixtieq jikseb il-parir ta' xi persuna dwar xi ħaġa jew ħwejjeġ partikolari, il-Bord jista' jagħżel bħala membru lil dik il-persuna biex tkun membru għal dik il-laqgħa jew laqgħat skont ma jkun meħtieġ, u dik il-persuna, waqt li tkun hekk magħżula bħala membru, jkollha d-drittijiet u l-privileġġi kollha ta' membru, ħlief li ma jkollhiex jedd tivvota fuq kull kwistjoni.

Osservanza tal-prinċipji ta' mġiba amministrattiva tajba. Kap. 490.

5. Il-Bord tas-Servizzi Ġenerali għandu jirrispetta u japplika l-prinċipji ta' mġiba amministrattiva tajba kif stabbilit fl-artikolu 3 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.